MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 295/2014

**Go p.l.c**
**C 22334**

**Vs**

**Buttigieg Kevin**
**ID 166171M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' April, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandhu jghati lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija sitta u tmenin Ewro u tliet centezmi (€786.03) in konnessjoni ma Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC10130713) u li jinkludi telefon 21370480, servizz ta' televisjoni 1425075915 u 1425075916, u servizz ta' internet.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u d-drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1724/13 u bl-imghaxijiet legali sa mil-24 ta' Lulju, 2013 data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-27 ta’ Jannar, 2015 is-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-27 ta’ Jannar, 2015 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta' seba' mija sitta u tmenin Ewro u tliet centezmi (€786.03) bl-imghaxijiet legali sa mill-24 ta' Lulju, 2013, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, inkluz tal-ittra ufficjali 1724/13 ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------